# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħin (48) – Laqgħa b'urġenza**

**27 ta' April 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' b'mod virtwali fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**48.2 It-*tender* tal-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' tagħna**

48.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex jinforma lill-Kunsill li huwa ġie konxju ta' diversi żbalji tekniċi li hemm fl-offerta pubblika li ħarġet mill-Kunsill għall-bini ta' Ċentru Ċiviku ġdid fil-lokalita' tagħna. Din is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022 u kellha tagħlaq nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2022.

48.2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-avukat tagħna Dr. Carmelo Galea LLD qed jirrakkomanda li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, din l-offerta għandha tiġi kanċellata u terġa' tinħareġ mill-ġdid wara li jiġu irranġati dawn l-iżbalji tekniċi. Is-Sindku qal li din il-materja diġa' iddiskutieha mal-Perit Edward Scerri u wegħdu li d-dokument ser jerġa' jduru kollu biex din is-sitwazzjoni ma terġax tirrepeti ruħha.

48.2.3 Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu mar-rakkomandazzjoni tal-avukat tal-Kunsill, jiġifieri li din is-sejħa tiġi kanċellata u terġa' tinħareġ mill-ġdid b'dokument korrett.

48.2.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill iddeċieda li qabel ma jiġi ippubblikat, dan id-dokument għandu jiġi ivvettjat mill-avukat tagħna mill-aspett legali u mid-Dipartiment tal-Kuntratturi mill-aspett tekniku.

48.2.5 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45pm.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**